DIRETTIVI

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1206

tat-30 ta' April 2021

li temenda l-Anness III tad-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tagħmir tal-baħar fir-rigward tal-istandard applikabbli għal-laboratorji li jintużaw mill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għat-tagħmir tal-baħar

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/90/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar tagħmir tal-baħar u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/98/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2014/90/UE tirrikjedi li l-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III sabiex isiru korpi notifikati.

(2) Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jiżguraw li l-laboratorji tal-ittestjar li jintużaw għall-finijiet ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-istandard EN ISO/IEC 17025.

(3) L-istandard EN ISO/IEC 17025 jispeċifika r-rekwiżiti ġenerali għall-kompetenza, l-imparzjalità u l-operat konsistenti tal-laboratorji.

(4) Fl-2017, l-ISO ppubblikat reviżjoni tal-istandard EN ISO/IEC 17025 u rtirat il-verżjoni preċedenti tal-istandard, li xorta waħda setgħet tintuża matul perjodu ta' tranżizzjoni ta' tliet snin li ntemm f'Novembru 2020.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li r-referenza li saret fid-Direttiva 2014/90/UE għall-istandard EN ISO/IEC 17025 tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Fil-punt 19 tal-Anness III tad-Direttiva 2014/90/UE, ir-referenza għall-istandard "EN ISO/IEC 17025:2005" hija sostitwita b'referenza għall-istandard "EN ISO/IEC 17025:2017".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux iktar tard minn l-31 ta' Jannar 2022. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

([1]) ĠU L 257, 28.8.2014, p. 146.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN